



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16273/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0356(NLE)

LIMITE

JAI 1832
ASIM 90
RELEX 1594
EP

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Pjan tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja (2026-2027)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL UE 2025/...

ta' ...

dwar il-Pjan tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja (2026-2027)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1350 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 li jistabbilixxi Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja, u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1147¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L, 2024/1350, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1350/oj>

Billi:

- (1) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1350, il-Kunsill għandu jadotta, abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, Pjan ta' sentejn tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja (il-“Pjan tal-Unjoni”) fis-sena ta' qabel il-perjodu ta' sentejn li fih għandu jiġi implimentat. Għalhekk jenħtieġ li jiġi stabbilit il-Pjan tal-Unjoni għas-snin 2026 u 2027, bl-għan li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet globali ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja.
- (2) Il-Pjan tal-Unjoni jenħtieġ li jqis kif xieraq il-Ħtiġijiet ta' Risistemazzjoni Globali Projettati identifikati mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR). Il-UNHCR jistma li, globalment, madwar 2,5 miljun refuġjat ser ikunu jeħtieġu risistemazzjoni fl-2026. Il-Pjan tal-Unjoni jenħtieġ li jqis ukoll il-prijoritajiet identifikati mill-UNHCR u l-projezzjonijiet tiegħu dwar ir-reġjuni u l-pajjiżi terzi li minnhom huwa mistenni li primarjament iseħħu r-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja.
- (3) Jenħtieġ li l-Pjan tal-Unjoni jistabbilixxi l-għadd totali ta' ammissjonijiet li l-Istati Membri għandhom l-għan li jwettqu fil-perjodu ta' implimentazzjoni. Dik il-mira tqis kif xieraq l-eżitu tal-laqgħat tal-Kumitat ta' Livell Għoli għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja (il-“Kumitat ta' Livell Għoli”) tas-7 ta' Novembru 2024 u tas-17 ta' Marzu 2025, kif ukoll l-indikazzjonijiet volontarji mogħtija mill-Istati Membri fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Livell Għoli, u indikazzjonijiet konkreti sussegwenti fir-rigward tal-impenji tagħhom, f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1350.

- (4) Il-kontribuzzjonijiet volontarji tal-Istati Membri għandhom jittqiesu kontinġenti fuq il-kapaċità operazzjonali effettiva tal-Istati Membri li jimplimentaw il-programmi tagħhom, il-kapaċità tas-sistemi ta' akkoljenza nazzjonali tagħhom u l-appoġġ disponibbli mill-Aġenzija tal-UE għall-Ażil (l-“Aġenzija”), mill-organizzazzjonijiet internazzjonali u mis-soċjetà ċivili u sħab rilevanti oħra, kif ukoll kunsiderazzjonijiet politiċi u finanzjarji nazzjonali rilevanti oħra.
- (5) Sabiex jiġu speċifikati r-regġuni u l-pajjiżi li minnhom għandha sseħħ l-ammissjoni, il-Pjan tal-Unjoni jqis id-diskussjonijiet li saru fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Livell Għoli. Abbażi ta' dawk id-diskussjonijiet, il-Pjan tal-Unjoni jqis l-għarfien espert żviluppat mill-Istati Membri u atturi oħra involuti waqt l-implimentazzjoni tas-sitt skemi ad hoc ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja appoġġati minn finanzjament tal-Unjoni mill-2015. Tqis ukoll l-infrastruttura operazzjonali eżistenti, bħall-Mekkaniżmi ta' Tranżitu ta' Emerġenza, il-Faċilità ta' Appoġġ għar-Risistemazzjoni tal-Aġenzija fit-Turkija u inizjattivi simili li jistgħu jiġu ppilotati fil-perjodu ta' implimentazzjoni, u ċ-Ċentru ta' Tranżitu ta' Emerġenza fir-Rumanija, li kollha kemm huma jaqdu rwol kruċjali biex jirfdu l-operazzjonijiet ta' risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja tal-Istati Membri.
- (6) Il-Pjan tal-Unjoni jiffoka fuq regġuni u pajjiżi tul ir-rotot migratorji ewlenin lejn l-Unjoni, bil-ħsieb li jissaħħaħ l-ispazju ta' protezzjoni tul dawk ir-rotot. Dan huwa wkoll konformi mal-approċċ ibbażat fuq ir-rotta promoss b'mod konġunt mill-UNHCR u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni.

- (7) Il-Pjan tal-Unjoni jirrikonoxxi wkoll ir-rwol ta' rabtiet soċjali muriġa jew karatteristiċi oħra li jistgħu jiffaċilitaw l-integrazzjoni fl-Istat Membru, inkluż ħliet lingwistiċi xierqa jew residenza preċedenti f'dak l-Istat Membru. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu kapaċi li jiddeċiedu li jagħtu preferenza lill-kandidati b'tali rabtiet soċjali muriġa jew karatteristiċi oħra.
- (8) F'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1350, il-Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja għandu jikkontribwixxi għat-tisħiħ tas-sħubijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi f'reġjuni li fihom ġew spostati għadd kbir ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. Il-Kumitat ta' Livell Għoli enfażizza wkoll li r-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja għandhom jikkontribwixxu biex jissaħħu aktar is-sħubijiet imfassla apposta u ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi rilevanti fil-livell bilaterali, reġjonali, multilaterali u internazzjonali. Għalhekk, il-Pjan tal-Unjoni għandu l-għan li jappoġġa lill-pajjiżi ospitanti li magħhom l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha qed jagħmlu progress biex jiksbu objettivi wiesgħa tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, f'konformità mal-approċċ komprensiv stabbilit fil-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², u f'konformità mal-liġi internazzjonali u tal-Unjoni u abbażi tar-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem.

² Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147 u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 (ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj>).

- (9) Fejn meħtieġ minn ċirkostanzi ġodda, skont ir-Regolament (UE) 2024/1350, din id-Deċiżjoni għandha tiġi emendata biex tinkludi kontribuzzjonijiet ġodda jew kontribuzzjonijiet lil reġjuni jew pajjiżi terzi ġodda li jirrispettaw bis-sħiħ l-indikazzjonijiet fuq bażi volontarja magħmula mill-Istati Membri fil-Kumitat ta' Livell Għoli permezz tar-riallokazzjonijiet eżistenti.
- (10) Biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Pjan tal-Unjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri huma mħeġġa li jagħmlu użu mill-korpi strateġiċi u ta' koordinazzjoni konsultattivi eżistenti, inkluż il-Grupp ta' Hídma tal-Kunsill dwar l-Aspetti Esterni tal-Ażil u l-Migrazzjoni. Dawk il-korpi konsultattivi jenħtieġ li jikkomplementaw u jagħtu kontribut għad-diskussjonijiet li jsiru fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Livell Għoli. L-Istati Membri huma mħeġġa jużaw il-fora kollha disponibbli biex jikkoordinaw l-isforzi ma' sħab strateġiċi internazzjonali oħra, inkluż pajjiżi assoċjati ma' Schengen, bħall-Konsultazzjonijiet dwar ir-Risistemazzjoni u l-Perkorsi Komplementari.
- (11) Skont ir-Regolament (UE) 2024/1350, sabiex jiġi żgurat monitoraġġ adegwat tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija b'informazzjoni u data adegwati u f'waqthom, b'mod partikulari fil-fora regolari (pereżempju l-Kumitat ta' Livell Għoli, il-Grupp ta' Esperti dwar ir-Risistemazzjoni, jew in-Network ta' Risistemazzjoni u Ammissjoni Umanitarja tal-Aġenzija), inkluż dwar l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi ammessi fit-territorju tal-Istati Membri, it-tip ta' ammissjoni (risistemazzjoni, ammissjoni umanitarja, ammissjoni ta' emerġenza) u l-pajjiż li minnu jkunu seħħew l-ammissjonijiet.

- (12) F'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta' ittra tas-27 ta' Ġunju 2024, ix-xewqa tagħha li taċċetta u tkun marbuta bir-Regolament (UE) 2024/1350. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2093 ikkonfermat dik il-parteċipazzjoni. Għalhekk, l-Irlanda qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (13) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-Ħtiġijiet ta' Risistemazzjoni Globali (2026-2027)

1. L-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi li għandhom jiġu ammessi fit-territorju tal-Istati Membri skont il-Pjan tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja (il-“Pjan tal-Unjoni”) matul il-perjodu ta' implimentazzjoni (2026-2027) huwa sa 10 430.
2. Il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri u l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-għadd totali ta' persuni li għandhom jiġu ammessi u l-proporzjon tal-persuni li għandhom ikunu soġġetti għal risistemazzjoni, għal ammissjoni umanitarja u għal ammissjoni ta' emerġenza huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Speċifikazzjonijiet tar-reġjuni li minnhom għandhom iseħħu

r-risistemazzjoni u l-ammissjoni umanitarja

L-ammissjonijiet għat-territorju tal-Istati Membri skont il-Pjan tal-Unjoni għandhom iseħħu minn:

- (a) pajjiżi tul ir-rotot migratorji ewlenin li jwasslu għall-Unjoni permezz tar-rotot tal-Mediterran u tal-Atlantiku, bil-ħsieb li jipprovdu aċċess għal mogħdijiet sikuri u legali f'reġjuni ta' tranżitu ewlenin lil dawk li jeħtieġu protezzjoni, jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' approċċ ta' rotta sħiħa, u jikkontribwixxu għall-kapaċità ta' dawk il-pajjiżi, inkluż billi jtejbu l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u ta' protezzjoni internazzjonali;

- (b) pajjiżi fil-Kontinent Amerikan, b'enfasi partikolari fuq l-Amerka Ċentrali u Latina, b'mod partikolari minħabba r-rabtiet soċjokulturali li jistgħu jrawmu l-integrazzjoni ta' dawwammessi fl-Unjoni f'konformità mal-Pjan tal-Unjoni;
- (c) pajjiżi li magħhom l-Unjoni jew l-Istati Membri tagħha stabbilew djalogu kooperattiv jew qed jagħmlu progress lejn il-kisba ta' objettivi usa' ta' ġestjoni tal-migrazzjoni u protezzjoni internazzjonali.

Artikolu 3

Monitoraġġ u ġbir ta' data

1. Sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ rigward l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet volontarji tagħhom, meta jipprovdur l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija skont ir-Regolament (UE) 2024/1350 għall-fini tat-tfassil tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri jispeċifikaw, b'mod partikolari:
 - (a) l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi ammessi mill-Istati Membri f'konformità mal-Pjan tal-Unjoni matul il-perjodu ta' referenza;
 - (b) speċifikazzjoni tat-tip ta' ammissjoni (risistemazzjoni, ammissjoni umanitarja jew ammissjoni ta' emerġenza);
 - (c) speċifikazzjoni tal-pajjiż mhux tal-UE li minnu seħħew l-ammissjonijiet.

2. Id-data u l-informazzjoni miġbura fuq bażi regolari mill-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom ikunu bbażati fuq qafas u indikaturi komuni.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fIl-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
